bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Lorenzo Caruana, iben
Emanuel, imwieled
Tarxien fil-31 ta' mejju,
1959

Illum, 27 ta' lulju, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli fil-11 ta' marzu, 2001 għal ħabta ta' seba' neqsin kwart ta' fil-għaxija, fil-club tal-boċċi, limiti ta' Ħal-Kirkop ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Catherine Caruana, kif ġie ċertifikat minn Dr. Sarah Vella M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa, Floriana;
2. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi hedded lill-istess Catherine Caruana u kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat, ġlied u storbju.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-1 ta' ġunju, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' lulju, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Ghaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216(1), 338(dd) u 339(e) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.